MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1121/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – S.I.A.T. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Micallef u ghal kull interess li jista' jkollu Carmel Micallef**

**vs**

**Terrence Carr**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm259.14c) rapprezentanti mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm253.14c) danni kollha sofferti mill-atturi u sitt liri Maltin (Lm6) drittijiet legali sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz per

konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-23 ta' Lulju 2004 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TJC 678 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAE 108, proprjeta` u misjuqa minn Carmel Micallef.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut minhabba illi huwa naqas milli jzomm *a proper look-out* waqt is-sewqan tieghu.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenut fit-3 ta' Frar 2005 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din il-kawza lill-kumpanija assikuratrici tal-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm253.14), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali lill-kumpanija assikuratrici tal-konvenut ipprezentata kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------